DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1175

tad-9 ta' Lulju 2019

dwar ir-rikonoxximent tal-iskema volontarja msejħa "Roundtable on Sustainable Palm Oil RED" sabiex tintwera l-konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà skont id-Direttivi 98/70/KE u 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 1998 dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/12/KEE ([1]), u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7c(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE ([2]), u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(4) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikoli 7b u 7c u l-Anness IV tad-Direttiva 98/70/KE u l-Artikoli 17 u 18 u l-Anness V tad-Direttiva 2009/28/KE jistipulaw kriterji simili ta' sostenibbiltà għall-bijokarburanti u għall-bijolikwidi, u proċeduri simili għall-verifika tal-konformità tal-bijokarburanti u tal-bijolikwidi ma' dawk il-kriterji.

(2) Meta l-bijokarburanti u l-bijolikwidi jkunu jridu jitqiesu għall-finijiet imsemmija fl-Artikolu 17(1)(a), (b) u (c) tad-Direttiva 2009/28/KE, jenħtieġ li l-Istati Membri jesiġu li l-operaturi ekonomiċi juru li l-bijokarburanti u l-bijolikwidi jikkonformaw mal-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 17(2) sa (5) ta' dik id-Direttiva.

(3) Għall-finijiet tal-Artikolu 17(2) tad-Direttiva 2009/28/KE, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li l-iskemi volontarji nazzjonali jew internazzjonali li jistabbilixxu l-istandards għall-produzzjoni tal-prodotti tal-bijomassa fihom *data* preċiża, u/jew juru li l-konsenji tal-bijokarburanti jew tal-bijolikwidi jikkonformaw mal-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 17(3), (4) u (5), u/jew li l-ebda materjal ma ġie mmodifikat jew imwarrab intenzjonalment sabiex il-konsenja jew parti minnha tkun tista' taqa' taħt l-Anness IX. Meta operatur ekonomiku jagħti provi jew jipprovdi *data* miksuba skont skema volontarja rikonoxxuta mill-Kummissjoni, safejn dan ikun previst bid-deċiżjoni tar-rikonoxximent, jenħtieġ li Stat Membru ma jesiġix li l-fornitur jipprovdi evidenza ulterjuri ta' konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà.

(4) It-talba biex jiġi rikonoxxut li l-iskema volontarja msejħa "Roundtable on Sustainable Palm Oil RED" turi li l-konsenji tal-bijokarburanti jikkonformaw mal-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fid-Direttiva 98/70/KE u fid-Direttiva 2009/28/KE tressqet quddiem il-Kummissjoni fl-24 ta' April 2018. L-iskema li hija bbażata f'Menara UOA Bangsar, Nru 5, Jalan Bansar Utaa 1, 59000 Kuala Lumpur, il-Malasja, tkopri prodotti bbażati fuq iż-żejt tal-palm u l-katina tal-kustodja kollha kemm hi. Jenħtieġ li d-dokumenti tal-iskema rikonoxxuta jkunu disponibbli fil-pjattaforma ta' trasparenza stabbilita skont id-Direttiva 2009/28/KE.

(5) Hija u tivvaluta l-iskema volontarja msejħa "Roundtable on Sustainable Palm Oil RED", il-Kummissjoni sabet li din tkopri b'mod adegwat il-kriterji ta' sostenibbiltà kollha stabbiliti fid-Direttiva 98/70/KE u fid-Direttiva 2009/28/KE, u barra minn hekk li tapplika metodoloġija tal-bilanċ tal-massa skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 7c(1) tad-Direttiva 98/70/KE u tal-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2009/28/KE.

(6) Mill-valutazzjoni tal-iskema volontarja msejħa "Roundtable on Sustainable Palm Oil RED" irriżulta li din tilħaq standards xierqa ta' affidabbiltà, ta' trasparenza u ta' awditjar indipendenti, kif ukoll li tikkonforma mar-rekwiżiti metodoloġiċi stabbiliti fl-Anness IV tad-Direttiva 98/70/KE u fl-Anness V tad-Direttiva 2009/28/KE.

([1]) ĠU L 350, 28.12.1998, p. 58.
([2]) ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16.

(7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Sostenibbiltà tal-Bijokarburanti u l-Bijolikwidi,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iskema volontarja msejħa "Roundtable on Sustainable Palm Oil RED" (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-iskema"), li fl-24 ta' April 2018 tressqet quddiem il-Kummissjoni għar-rikonoxximent, turi li l-konsenji tal-bijokarburanti u tal-bijolikwidi prodotti skont l-istandards għall-produzzjoni tal-bijokarburanti u tal-bijolikwidi stabbiliti fl-iskema jikkonformaw mal-kriterji ta' sostenibbiltà kif stabbiliti fl-Artikolu 7b(3), (4) u (5) tad-Direttiva 98/70/KE u fl-Artikolu 17(3), (4) u (5) tad-Direttiva 2009/28/KE.

L-iskema fiha wkoll *data* preċiża għall-finijiet tal-Artikolu 17(2) tad-Direttiva 2009/28/KE u tal-Artikolu 7b(2) tad-Direttiva 98/70/KE.

Artikolu 2

F'każ li l-kontenut tal-iskema, kif imressqa fl-24 ta' April 2018 quddiem il-Kummissjoni għar-rikonoxximent, jinbidel b'mod li jista' jaffettwa l-bażi ta' din id-Deċiżjoni, it-tali bidliet għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni mingħajr dewmien. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-bidliet innotifikati bil-ħsieb li tistabbilixxi jekk l-iskema tkunx għadha tkopri b'mod adegwat il-kriterji ta' sostenibbiltà li għalihom tkun ġiet rikonoxxuta.

Artikolu 3

Il-Kummissjoni tista' tħassar din id-Deċiżjoni, *inter alia*, fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) jekk ikun intwera biċ-ċar li l-iskema ma tkunx implimentat elementi meqjusa bħala deċiżivi għal din id-Deċiżjoni, jew jekk ikun sar ksur gravi u strutturali ta' dawk l-elementi;

(b) jekk l-iskema ma tippreżentax rapporti annwali lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7c(6) tad-Direttiva 98/70/KE u skont l-Artikolu 18(6) tad-Direttiva 2009/28/KE;

(c) jekk l-iskema ma timplimentax l-istandards tal-awditjar indipendenti speċifikati fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 7c(5) tad-Direttiva 98/70/KE u fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 18(5) tad-Direttiva 2009/28/KE jew it-titjib ta' elementi oħra tal-iskema meqjusa bħala deċiżivi biex ir-rikonoxximent jitkompla.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika sat-30 ta' Ġunju 2021.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER